

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8292/26

JEUN 55

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-iżgurar li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali jkunu favorevoli għaż- żgħażaġħ - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) tal-11 ta' Mejju 2026.

L-iżgurar li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali jkunu favorevoli għaż-żgħażaġh

Nota ta' gwida mill-Presidenza

(Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport)

Matul l-aħħar żewġ deċennji, il-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE evolviet b'mod sinifikanti, u mxiet minn approċċ settorjali għal wieħed aktar komprensiv u transsettorjali. Din l-evoluzzjoni tirrifletti rikonoxximent dejjem akbar li l-ħajja taż-żgħażaġh hija msawra minn firxa ta' oqsma ta' politika interkonnessi, inkluż l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa mentali, id-diġitalizzazzjoni u l-parteċipazzjoni demokratika. L-Istrateġija attwali tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019–2027) ikkontribwiet għall-avvanz tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh, it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni permezz ta' strumenti bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u t-tisħiħ tal-inklużjoni billi laħqet grupp usa' u aktar divers ta' żgħażaġh.

Minkejja dan il-progress, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali jkunu ġenwinament "favur iż-żgħażaġh". Iż-żgħażaġh għadhom jiffaċċaw sfidi persistenti u emerġenti, inkluż żieda fl-ġholi tal-ħajja, aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, saħħa u benesseri mentali, u inugwaljanzi fl-aċċess għall-edukazzjoni, il-ħiliet u l-opportunitajiet. Skont l-Ewrobarometru Flash 556 (2025)¹, kważi erbgħa minn kull għaxar żgħażaġh Ewropej jemmnu li l-UE għandha tagħti prijorità lill-investiment f'akkomodazzjoni affordabbli u appoġġ għall-ġholi tal-ħajja, u mbagħad lill-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet, is-saħħa mentali u l-benesseri. Dawn is-sejbiet jenfasizzaw il-ħtieġa għal politiki li mhumieħ immirati biss lejn iż-żgħażaġh iżda li huma ffurmati wkoll bl-involviment attiv tagħhom.

¹ Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. (2025). *Ewrobarometru Flash 556 – EU challenges and priorities: Young people's views*. Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. <https://doi.org/10.2775/9830210>

Fl-istess ħin, żviluppi soċjetali usa' - b'hat-trasformazzjoni diġitali, inkluż l-avvanzi rapidi fl-intelliġenza artifiċjali u t-tixrid tad-diżinformazzjoni u r-riskji online - għad għandhom impatt fuq il-ħajja taż-żgħażaġh, u l-benesseri u l-involviment demokratiku tagħhom. Dan isaħħaħ il-ħtieġa għal approċċ transsettorjali u li jħares 'il quddiem għall-politika dwar iż-żgħażaġh li jirreaġixxi għar-realtajiet li qed jevolvu li ż-żgħażaġh jiffaċċaw illum.

Iż-żgħażaġh jesprimu xewqa ċara li jiġu inklużi b'mod sinifikanti fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jappellaw lil dawk li jfasslu l-politika biex jirrispondu għat-tħassib tagħhom u jisimgħu aktar mill-qrib dak li għandhom jgħidu². Matul il-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ organizzata mill-Presidenza Ċiprijotta, iż-żgħażaġh irriflettew dwar kif il-politiki tal-UE jistgħu jsiru aktar favur iż-żgħażaġh billi jindirizzaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet tagħhom, isaħħu l-parteċipazzjoni sinifikanti fl-istadji kollha ta' ċiklu ta' politika, u jtejbu s-segwitu mill-istituzzjonijiet tal-UE għar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.

Għalhekk, biex jiġi żgurat l-adattament għaż-żgħażaġh jeħtieġ li l-perspettiva taż-żgħażaġh tiġi inkorporata fiċ-ċiklu kollu tal-politika, mit-tfassil u l-implimentazzjoni sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Dan jista' jinkludi t-tisħiħ tal-għodod għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh, bħall-kontrolli taż-żgħażaġh u l-valutazzjonijiet tal-impatt, biex jiġi vvalutat b'mod sistematiku kif il-politiki jaffettwaw liż-żgħażaġh. Iż-żgħażaġh huma favur segwitu aktar koerenti u trasparenti, u li l-kontributi tagħhom jiġu riflessi b'mod sinifikanti fl-eżiti tal-politika permezz ta' proċessi parteċipattivi.

Il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh tibqa' fil-qalba tat-tfassil tal-politika favur iż-żgħażaġh. Filwaqt li strutturi bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ saru aktar inklużivi, iż-żgħażaġh ikomplu jappellaw għal involviment aktar b'saħħtu fit-teħid tad-deċiżjonijiet u biex il-kontribut tagħhom ikollu impatt tanġibbli. Għodod parteċipattivi innovattivi jistgħu jappoġġaw aktar is-sensibilizzazzjoni għal gruppi diversi ta' żgħażaġh u jiżguraw involviment inklużiv u parteċipazzjoni attiva fil-ħajja demokratika.

² Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. (2025). *Youth survey 2024 (FL013EP)*. Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. <https://doi.org/10.2861/3385523>

Fl-istess ħin, il-politiki favur iż-żgħażaġh għandhom ikunu aċċessibbli, komprensibbli, rilevanti għall-esperjenzi li għaddew minnhom iż-żgħażaġh, u effettivi maż-żmien. Dan jinkludi s-simplifikazzjoni tal-komunikazzjoni, it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni, u l-iżgurar li l-politiki jibqgħu inklużivi u reattivi għall-ħtiġijiet li qed jevolvu. Approċċi kkoordinati jistgħu jiffaċilitaw titjib kontinwu u jżommu l-faċilità għaż-żgħażaġh bħala prinċipju gwida fl-iżvilupp futur tal-politika. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss lil hinn mill-2027 jippreżenta opportunità fil-livell tal-UE biex wieħed jibni fuq il-kisbiet eżistenti filwaqt li jiġu indirizzati l-lakuni li fadal. Id-diskussjoni għandha l-għan li ttipprovdi għarfien u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin biex jiġi żgurat li l-politiki tal-UE u dawk nazzjonali jirrispondu b'mod effettiv għall-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet taż-żgħażaġh.

Mistoqsijiet għall-Ministri:

1. Tista' taqsam eżempji ta' prattiki tajbin f'pajjiżek li kkontribwew biex il-politiki jsiru aktar favur iż-żgħażaġh? Ma' liema sfidi ltqajt u kif ġew indirizzati?
2. Meta tħares' il quddiem, x'ideat jew proposti konkreti tissuġġerixxi biex jiġi żgurat li l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ li jmiss tkun aktar favur iż-żgħażaġh, b'mod partikolari f'termini ta' parteċipazzjoni, implimentazzjoni u impatt?